# Lista ta' kontroll 2: Lista ta' kontroll għal methylphenidate (MPH) għall-monitoraġġ ta' terapija kontinwu

Dan li ġej huwa maħsub sabiex jgħinek fil-monitoraġġ ta' terapija kontinwa ta' prodott li jkun fih MPH fil-pazjenti b'disturb ta' nuqqas ta' attenzjoni/attività eċċessiva (attention-deficit/hyperactivity disorder - ADHD).

Kif spjegat f'aktar dettall fl-informazzjoni dwar il-preskrizzjoni, l-istatus tal-iżvilupp, dak psikjatriku u dak kardjovaskulari għandhom jiġu mmonitorjati tajjeb:

- Il-pressjoni tad-demm u l-polz għandhom jiġu rreġistrati kull darba li tiġi aġġustata d-doża u mbagħad mill-inqas kull 6 xhur
- It-tul, il-piż u l-aptit għandhom jiġu rreġistrati mill-inqas kull 6 xhur biż-żamma ta' ċart tal-iżvilupp
- L-iżvilupp ta' disturbi psikjatriċi de novo jew l-aggravar ta' disturbi psikjatriċi diġà eżistenti għandu jkun immonitorjat kull darba li tiġi aġġustata d-doża u mbagħad mill-inqas kull 6 xhur u waqt kull viżta

Huwa rrakkomandat li din il-lista ta' kontroll tintuża flimkien mal-informazzjoni sħiħa dwar il-preskrizzjoni għall-prodott individwali li jkun qed jiġi preskritt.

Jekk jogħġbok niżżel u stampa din il-lista ta' kontroll qabel il-konsultazzjoni tiegħek. Ma tistax taħżen xi informazzjoni speċifika dwar il-pazjenti fuq is-sit elettroniku. Il-lista ta' kontroll mimlija tista' titqiegħed mar-rekords tal-pazjent.

Inti u timla l-lista ta' kontroll, jista' jkun utli wkoll li tiddiskuti l-fuljett ta' tagħrif għall-pazjent (PIL) tal-prodott individwali li tkun qed tippreskrivi mal-pazjent u mal-ġenitur(i) jew tutur(i) tiegħu.

## Monitoraġġ waqt il-kura kontinwa b'MPH

Data tal-eżami: ____________________

Raġuni għall-eżami: ____________________

Isem il-pazjent: ____________________

Data tat-twelid: ____________________

Età: ____________ Sess: ____________

**Irrevedi b'attenzjoni s-sistemi li ġejjin kif indikat hawn taħt ma' kull aġġustament tad-doża u waqt il-viżti ta' segwitu mill-inqas kull 6 xhur:**

| | **Ivvalutat** |
|---|---|
| **Sejbiet mediċi ġenerali** | |
| • Ħu nota tat-tul, il-piż tal-ġisem u l-aptit (ara ċ-ċart ta' segwitu separata) | ☐ |
| Ikkunsidra li twaqqaf MPH jekk l-iżvilupp ikun aktar baxx minn dak mistenni | |
| • Ħu nota ta' kwalunkwe indikazzjoni ta' abbuż, użu ħażin jew devjazzjoni ta' MPH | ☐ |
| • Tqala | ☐ |
| Ivvaluta l-benefiċċji/ir-riskji | |
| **Sejbiet kardjovaskulari ġodda** | **Il-pressjoni tad-demm u l-polz għandhom jiġu rreġistrati** |
| • Palpitazzjonijiet | ☐ |
| • Uġigħ fis-sider ikkawżat minn sforz | ☐ |
| • Sinkope mhux spjegata | ☐ |
| • Qtugħ ta' nifs | ☐ |
| • Sintomi oħra li jissuġġerixxu mard tal-qalb | ☐ |
| Irreferi minnufih għand speċjalista għal eżami kardijaku | |
| **Sejbiet newroloġiċi ġodda** | |
| • Uġigħ ta' ras sever, tnemnim, debbulizza jew paraliżi, indeboliment fil-koordinazzjoni, vista, kliem, lingwa jew memorja | ☐ |
| Kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq tista' tindika vaskulite ċerebrali: waqqaf MPH | |
| • Żieda fil-frekwenza tal-aċċessjonijiet jew iseħħu aċċessjonijiet ġodda | ☐ |
| MPH għandu jitwaqqaf | |

| | Ivvalutat |
|---|---|
| **Sejbiet psikjatriċi ġodda jew aggravar tagħhom** | **L-iżvilupp ta' disturbi psikjatriċi de novo jew l-aggravar ta' disturbi psikjatriċi diġà eżistenti għandu jiġi immonitorjat** |
| • Sintomi psikotiċi jew manijaċi | ☐ |
| Ikkunsidra li twaqqaf MPH | |
| • Ħsieb jew imġiba suwiċida | ☐ |
| Ikkunsidra l-kura tal-kundizzjoni psikjatrika sottostanti | |
| Ivvaluta l-benefiċċju/ir-riskju mill-ġdid | |
| Ikkunsidra li twaqqaf MPH | |
| • Aggressjoni jew imġiba ostili | ☐ |
| Ikkunsidra l-ħtieġa li taġġusta l-kura | |
| • Ansjetà, aġitazzjoni jew tensjoni | ☐ |
| • Sintomi ta' depressjoni | ☐ |
| • Kontrazzjonijiet involontarji motorji u vokali jew aggravar tagħhom | ☐ |
| **Tul tal-kura** | |
| • Il-pazjent qed ikun ikkurat kontinwament għal >12-il xahar | ☐ |
| • Osservat titjib fis-sintomi wara l-aġġustament xieraq tad-doża fuq perjodu ta' xahar, inkella huwa rrakkomandat li l-mediċina titwaqqaf | ☐ |
| Ikkunsidra perjodu ta' prova mingħajr il-mediċina mill-inqas darba fis-sena sabiex tiddeċiedi jekk għadhiex meħtieġa l-kura kontinwa | |

Ħu nota ta' kwalunkwe informazzjoni oħra hawnhekk

Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, jekk jogħġbok uża ċ-ċart ipprovduta sabiex tirreġistra l-informazzjoni meħtieġa għall-monitoraġġ kontinwu: (link għaċ-ċart)

## Tmiem il-kura

Teħtieġ sorveljanza attenta waqt l-irtirar mill-mediċina, minħabba li din tista' tiżvela

- **Depressjoni** kif ukoll
- **Attività eċċessiva kronika**

Ċerti pazjenti jkunu jeħtieġu segwitu fit-tul.